**L-Ewwel Jien**

Rajt għasfur bis-senter f'idu,
żiemel riekeb karozzin,
fenek li qed jorganizza
xi fenkata għall-mikulin...

Fejn meħlusa in-natura
jiftħu fjuri kull kulur;
armonija bejn il-ħlejjaq
minnhom ħadd ma ssib għajjur...

Mhux bħall-bniedem… u kulma jmiss
jużа moħħu... għalih biss...

(Kor)
L-ewwel jien u t-tieni jiena
dejjem skont iz-zokk il-fergħa
l-ixkubetta fiha l-grillu
hekk magħmula mill-għeruq.
Qis mitt darba u aqta' darba
jekk ma lħaqtx il-għeneb qraslek
u f'kull niżla qaddis jgħinek
mitqlu deheb ħabib fis-suq.

Wiċċ il-baħar miksi plastik
ħut bil-maskra fl-oċejan
saħnu it-temperaturi
l-arja pura ġiet duħħan

Fejn meħlusa in-natura
jiftħu fjuri kull kulur;
armonija bejn il-ħlejjaq
minnhom ħadd ma ssib għajjur...

Mhux bħall-bniedem… u kulma jmiss
jużа moħħu... għalih biss...

(Kor)

Naħsbu ħafna... naħsbu spiss
li did-dinja… tagħna biss...

(Kor)